MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Numru 426/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**
**V**

**MARK SCERRI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARK SCERRI** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Joseph u Maria Rosaria nee Thomas, imwieled Pieta nhar l-ewwel ta' April 1977 u residenti 'Redentur', Triq il-Qaliet, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 178977M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-ghoxrin ta' Mejju 2002, ghal habta tal-hdax ta' filghodu fi Triq Joe Sciberras, Hamrun;

1. Ikkommetta serq ta' mobile phone ghad-dannu ta' Stephen Fava liema oggett kien go vettura pparkjata li ghndha n-numru ta' registrazzjoni CBA 701,

liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Talli kiser l-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata sitta ta' Mejju 2002 fejn kien gie misjub hati ta' reati w illberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sena minn dik d-data.

Rat is-sentenza moghtija minn **din l-istess Qorti** nhar t-tmintax ta' Lulju 2002 fejn kienet sabet lil imputat hati fuq ammissjoini tieghu stess u **ordnat li jitpogga, ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin taht is-supervizzjoni tal-Probation Officer Marietta Lanzon, b'dan li ghandu jzomm kuntatt mal-istess Probation Officer Marietta Lanzon u fost l-kundizzjonijiet li l-istess imputat probationer ghandu hija li jibda programm residenzjali minnufih. F'kaz li l-imputat probationer kellu jonqos li jibda dan il-programm u f'kaz li hu jitlaq minn rajh, il-Probation Officer Marietta Lanzon kienet giet obbligata li tinforma lil Qorti b'dan minnufih u li hija kellha tirrelata kull sitt xhur dwar l-andament tal-imputat probationer.**

Rat li **nhar t-tlettax ta' Awissu 2003 l-istess Probation Officer Marietta Lanzon** nfurmat lil Qorti li l-imputat probationer ma kienx qed jaderixxi ruhu mal-istruzzjonijiet moghtija fis-sentenza fuq citata.

Illi **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru 2003 xehdet Marietta Lanzon** [fol 22] fejn qalet li hija kien ilha ssegwi lil imputat probationer ghal aktar minn sentejn. Qalet li meta kienet inghatat s-sentenza fuq riferita hija kienet qalet lil Qorti li l-imputat probationer kien qieghed il-habs u kien qed jigi ppreprat biex jibda programm. Qalet li fil-fatt, Mark Scerri kien dahal programm mal-Agenzija Oasis fis-sbatax ta' Dicembru 2002 u spicca ufficjalment minn dan il-programm fis-sena 2003. Qalet li l-Agenzija Oasis kienu nfurmawha li Mark Scerri kien dahal fi ftehim maghhom li jibqa jattendi din l-agenzija u li jhalli kampjun tal-awrina tieghu. Qalet li nhar l-ghaxra ta' April 2003 hija kienet giet

infurmata minn din l-agenzja li Mark Scerri ma kienx qed jzomm mal-appuntamenti moghtija lilu u li kien qed jonqos li jattendi one to one sessions mat-terapisti u li kien qed jonqos li jaghti kampjun tal-awrina tieghu. Qalet li l-imputat probationer kien waqaf li jzomm kuntatt maghha. Qalet li hija kienet baghtet ghalih diversi drabi u tatu diversi cansijiet sabiex tkun tista titkellem mieghu, pero dan ghal xejn. Qalet li f'Ottubru 2003 giet infurmata li Mark Scerri kien halla kampjun tal-awrina d-Detox. Qalet li hija kienet ghamlitha cara mieghu li kellu jmur ghand Doctor Mark Zammit Montebello u hu qalilha li hu kien mar bl-awrina ghandu pero dan t-tabib ma kienx accettahielu. Qalet li fil-fehma taghha Mark Scerri kien ghad kellu problema tad-droga u hija pero ma setghetx taghtih aktar ghajnuna u ghalhekk kienet ghamlet denunzja. Qalet li hija xorta baqghet issegwih u li saret taf li kien ghamel xi appuntamenti kemm mas-Sedqa kif wkoll mal-Caritas. Qalet li dak iz-zmien kienet giet infurmata li kien sab impjieg ma xi ziju tieghu.

Illi nhar is-sbatax ta' Novembru 2003 l-istess **Probation Officer Marietta Lanzon** nfurmat lil Qorti li l-imputat probationer kien ghamel programm tal-Oasis. Qalet li meta ddenunzjatu hija kienet baghtet ghalih pero huwa naqas li jmur. Qalet li kienet baghtet ghalih biex jaghti kampjun tal-urina fid-disgha u fil-hmistax ta' Settembru pero ma kienx mar. Qalet li hu kien baghat risposta li kellu xoghol f'okkazzjoni wahda minnhom u meta qaltlu li xorta riedet tarah, dan xorta ma marx. Qalet li hija kienet baghtet ghalih tlett darbiet biex jaghti kampjun tal-awrina u qatt ma mar u lanqas qatt cemplilha.

Fil-hmistax ta' Dicembru 2003 regghet xehdet l-istess **Probation Officer Marietta Lanzon** nfurmat lil Qorti li mill-ahhar seduta li hija kellha l-Qorti, hija kienet baghtet ghalih u l-imputat probationer kien hallilha l-awrina tieghu li rrizultat taghha kien wiehed negattiv ghal presenza ta' droga. Qalet li hija kienet iddenunzjatu ghaliex f'Awissu kienet baghtet ghalih u hu naqas li jikkopera maghha.

Nhar l-hmistax ta' Dicembru 2003 xehed **Martin Thomas** li jahdem bhala sub contractor mal-Play Mobile [fol 39]

fejn qal li l-imputat probationer Mark Scerri kien ilu jahdem mieghu mill-ghaxra ta' Mazu 2003 bhala operator fuq l-injections machine. Qal li hu sabu tajjeb fuq xogholu, jmur b'mod regolari ghax-xoghol, hlief meta naturalment ikun bil-leave. Qal li problemi mieghu qatt ma kellu u li jahdem mieghu bil-ktieb. Huwa fil-fatt esibixxa kopja tad-dokument tal-ETC rigwardanti l-impjieg tal-imputat probationer Mark Scerri [fol 41].

Nhar **t-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2004, regghet ghal darb'ohra xehdet l-istess Probation Officer Marietta Lanzon** [fol 43] fejn nfurmat lil Qorti li l-imputat probationer mis-sbatax ta' Novembru 2003 sa dakinhar ma kienx mar ghandha ghal kien qal li kien qed jahdem u ghalhekk kuntatt mieghu ma kellhiex ghajr bit-telefon. Qalet li hija kellha formola sabiex takkwista l-informazzjoni kollha rikjesta pero minhabba d-Data Protection Act , l-imputat kellu jiffirmahilha.

Nhar **l-wiehed u tletin ta' Mejju 2004, regghet ghal darb'ohra xehdet l-istess Probation Officer Marietta Lanzon** [fol 49] fejn esibit dokument mahrug mill-ETC dwar l-impjieg tal-imputat probationer Mark Scerri li gie mmarkat bhala dokument S. Qalet li minnn naha taghha bhala ufficjal tal-Probation Services, hija ezawriet dak kollu possibbli li setghet taghmel mieghu u li ma setghet taghmel xejn aktar milli ghamlet. Qalet li l-ahhar azppuntament li Mark Scerri kellu kemm maghha kif wkoll mal-Agenzija Sedqa, huwa m'attendiex u dan meta kienu ftehmu f'case conference li hu kellu jaghti kampjun tal-awrina tieghu biex jigi stabbilit jekk kienx “clean”.

**Nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2004 xehed Michael Grima** fejn qal li huwa jahdem bhala care worker mas-Sedqa w ikkonferma li Mark Scerri li gharaf presenti fl-awla, kien jinsab ghaddej programm residenzjali mas-Sedqa u li kien ilu cirka xahar isegwi dan il-programm.

Nhar **l-ghoxrin ta' Settembru 2004 rega' xehed l-istess Mark Grima** li kkonferma li Mark Scewrri kien ilu ghaddej maghhom ghal dawn xahrejn u nofs u kien wasal fit-tieni

fazi tal-programm tieghu b'mod residenzjali. Qal li sa dakinhar Mark Scerri ma kienx qed jaghtihom problemi.

Ghalhekk f'dan il-kaz in ezami ma jidhirx li hu kontestat li fil-fatt l-imputat probationer kiser l-ordni tal-probation fuq imsemmija u dan ghaliex il-probationer ma zammx kuntatt regolari mal-ufficjal tal-probation u noltre ma obdiex l-ordnijiet mghotija lilu minnu.

Illi l-artikolu 21(2) tal-Kap 466 jipprovdi dwar ksur ta' kondizzjonijiet f'ordni ta' probation u jghid:

*"Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li min ikun taht probation jkun naqas milli jhares xi htiega ta' ordni ta' sanzjoni fil-komunita, dik il-Qorti tista minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal lil hati amenda … <u>jew</u> tista tittratta ma min ikun taht probation ghar-reat li dwaru tkun saret s-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-Qorti tista tittratta lil hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak r-reat."*

Issa fil-kaz in ezami, din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tat-tmintax ta' Lulju 2002 kienet apparti li poggiet lil imputat taht probation ghal tlett snin, ma kienetx illimitat ruhha ghal ordni tal-probation, imma wara li qiset ic-cirkostanzi tal-kaz kienet wkoll imponiet kundizzjoni fuqu li jibda programm residenzjali minnufih kontra d-droga.

Jigifieri f'dan il-kaz din il-Qorti kienet gia ttratta mal-hati billi poggiet lill-istess Mark Scerri taht ordni ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tlett snin.

**Ghalhekk din il-Qorti tinnota li fis-sentenza fuq imsemmija, hija ma applikat l-ebda piena fil-konfront tal-imputat Probationer izda poggietu biss taht supervizjoni ta’ Probation Officer u ghalhekk illum rinfaccjata bi ksur ta’ ordni ta’ Probation, thoss illi ghandha titratta mal-Probationer ghar-reat li dwaru l-Qorti sabitu hati u dan ai termini tal-artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi tikkundanna lil MARK SCERRI ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).**

**Il-Qorti qed taghti l-fakulta lil imputat probationer jhallas l-multa inflitta f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin lira il-wiehed b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-wiehed u tletin ta' Marzu, 2005 u dan ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------